MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 398/2012

**Appell Numru: 398/2012**

**Il-Pulizija**
**Spettur Theres Sciberras**

**Vs**

**Jimmy Vella**

Illum, 28 ta’ Novembru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Jimmy Vella, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 153482M talli:

F’dawn il-gzejjer, fil-5 ta’ April 2011 fil-Melliieha f’xi hin bejn nofs in-nhar u s-sebgha ta’ fil-ghaxija b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ l-arti jew il-hila fil-professjoni tieghu, involontarjament ikkaguna griehi ta’

natura gravi fuq il-persuna ta’ Louis Vernon Dawtry skond ma ccertifika t-tabib Dr S Busuttil MD (Reg. No. 5221) tal-isptar Mater Dei.

U aktar talli fl-istess jum lok u hin, saq vettura b’mod perikoluz, traskurat jew negligenti.

Il-Qorti giet mitluba biex f’kaz ta’ htija tiskalifika lill-imputat mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal dak il-perjodu li jidhirlha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-31 ta’ Lulju, 2012, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati ta’ l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu in kwantu tirreferi ghall-offieza gravi li ma ggibx il-konsegwenzi imsemmija f’l-artikolu 218 tal-istess Kapitolu 9 u sabithu hati ukoll tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal sewqan traskurat u tikkundannah multa ta’ elf Euro (€1,000). L-imputat ma nstabx hati tal-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal offiza gravi li ggib il-konsegwenzi elenkati f’l-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 u lanqas sabithu hati tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal sewaqan bla kont u perikoluz u tilliberah minn dawn l-akkuzi.

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Jimmy Vella pprezentat fil-10 ta’ Awwissu, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata bulli tiddikjara lir-rikorrenti mhux hati tal-akkuzi migjubha kontri b’dal-mod tillibera minn kwalunkwe imputazzjoni u piena. Bla pregudizzju ghat-talba ta’ dikjarazzjoni ta’ nuqqas ta’ htija, f’kaz li din il-Qorti ssib xi htija fl-esponenti, hi mitluba li taghti piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti spjegat sewwa l-fattispeci tal-kaz bi zball wiehed krucjali relatata mal-pozizzjoni finali tal-vettura tar-rikorrenti u bi zball iehor li ma tatx kaz ix-xhieda ta’ Eva Formosa.

Il-Qorti ghamlet riassunt tax-xhieda tal-parte civile hekk:

*Illi l-parte civile jghid li filwaqt li kien qed isuq fi Triq il-Marfa fil-karreggjata tan-naha tal-lemin, cioe` fl-outer lane, hu ra vettura ohra, dik misjuqa mill-imputat fil-karreggjata tan-naha tax-xellug, cioe` l-inside lane. Hu baqa jsuq fil-karreggjata tieghu meta, hekk kif kienu qed javvicinaw ir-roundabout fuq imsemmija, l-imputat kiser xi ftit ghal-gol karreggjata ta’ barra b’mod li dahal fit-triq tal-mutur u sehh l-impatt. Bhala rizultat ta’ l-impatt l-parte civile tar minn fuq il-mutur. Il-mutur u l-vettura waqfu hekk kif indikat fl-iskizz u fir-ritratti esebiti. Il-parte civile jghid ukoll li huwa ma rax vetturi ohra fit-triq,  b’mod partikolari ma rax vetturi jduru mar-roundabout qabel sehh l-impatt. Il-parte civile ta l-istess verzjoni lil PS830 Chris Debono meta dan kellmu xi jumejn wara l-incident.*

Ir-rikorrenti ma qabilx ma din il-verzjoni. Dwar dan l-Ewwel Onorabbli Qorti iddikjarat hekk:

*Illi l-imputat waqt id-depozizzjoni tieghu ma tantx tefa’ dawl fuq id-dinamika ta’l-incident. Hu jghid li kien ghaddej fil-karreggjata ta’ gewwa; waqqaf qabel ir-roundabout ghaliex kienet qed iddur karrozza li kellha priorita; hekk kif ghaddiet din il-karozza hu rega beda jsuq u hekk kif rega’ beda jsuq hass daqqa u sema’ hoss qawwi; jghid ukoll li bid-daqqa l-mutur dahhlu gol-bus stop. Mistoqsi in kontro-ezami l-imputat jghid lil huwa f’l-ebda hin ma ra jew induna li kien hemm il-mutur fit-triq u li kien biss mal-habta li nduna bil-mutur. Hu ta prattikament l-istess verzjoni meta kellem lil PS830 Chris Debono fuq il-post  bid-differenza li dak in-nhar qal li kien hu li gideb lejn il-bus stop u dan bhala reazzjoni ghall-hazda kawza ta’ l-impatt.*

L-Ewwel Onor. Qorti wara li spjegat li skond hi kien hemm zewg verzjonijiet konfliggenti dwar il-verzjoni li ta' l-imputat l-Ewwel Onor. Qorti spjegat li skond hi:

*il-verzjoni ukoll ma tantx hija verosimili ghaliex jekk verament l-impatt sehh ftit metri 'l boghod mill-give way ma tantx huwa probabbli li l-vettura misjuqa mill-imputat kienet tilhaq timxi dik id-distanza kollha qabel ma tispicca fuq il-bankina fejn fil-fatt spiccat u kif jidher fir-ritratti u f'l-iskizz.*

Din il-konkluzjoni tal-Ewwel Onor. Qorti hija certament zbaljata ghaliex il-vettura tar-rikorrenti Ma spiccatx fuq il-bankina kif indikat mill-Qorti izda spiccat tmiss mal-bankina. Ukoll, irid jizdied jinghad li l-verzjoni tal-parte civile tiddifetta minn punti fattwali partikolari ta' importanza: l-ewwel li ma taqbilx mal-pozizzjoni finali tal-vettura tar-rikorrenti u t-tnejn lanqas ma taqbel mal-pozizzjoni finali tal-mutur stess.

Li kieku l-affarjiet graw kif spjegat mill-parte civili stess konna nippretendu:

- Li l-vettura tar-rikorrenti tkun angolata lejn il-lemin taghha jew tkun almenu dritt fuq il-karreggjata taghha u mhux kompletament migbuda l-gewwa lejn il-bankina.
- Bl-istess mod konna nippretendu li l-mutur stess kien jinstab fuq ir-roundabout u mhux fejn spicca diversi metri lil hinn mir-roundabout – irid jigi mfakkar hawn li r-roundabout in kwitjoni huwa ta' certu kobor.

Lanqas ma nridu ninsew il-versjoni moghtija minn Eva Formosa li ddikjara li *l-imputat waqqaf mar-roundabout u malli rega` beda jsuq semghat hoss kbir u sabu ruhom gol bankina.*

Din il-versjoni ta' Eva Formosa taqbel perfettament mal-posizzjoni final ital-vettur involuti u taqbel ukoll mal-hsarat sofferti fil-vetturi in kwistjoni.

Ghalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti korrettament indikat li:

*Li wiehed izomm proper look out jirrikjedi mhux biss li joqghod attent ghall-vetturi li jkunu qeghdin quddiemu imma ghal dak kollu li jkun qed jigri fit-triq, u ghalhekk anke ghat-traffiku li jkun gej minn wara.*

Izda dan japplika mhux ghar-rikorrenti izda ghal-parte civile.

Naturalement dan il-massimu huwa tajjeb izda fil-kaz odjern ir-rikorrenti ma ghamel xejn hazin li ma harisx warajh ghaliex hu kellu l-intenzjoni li jibqa` sejjer dritt.

Ir-rikorrenti kien wieqaf mal-give way u qala bi dritt lejn il-Mellieha. Kien dak il-mument li l-mutur minghjar ma waqaf li baqa` ghaddej bi speed u baqa` diehel fil-vettura tar-rikorrenti. Huwa hekk biss spjegabbli l-posizzjoni final ital-vettura tant u tant migbuda lejn ix-xellug.

Ikkunsidrat.

Dan il-kaz jitratta ncident stradali li sehh fi Triq il-Marfa l-Mellieha nhar il-5 ta’ April, 2011 ghal habta ta’ 5:00 pm f’liema incident il-parti civili James Vernon Dawtry garrab griehi. Iz-zewg sewwieqa kienu qed isuqu fl-istess direzzjoni mill-Ghadira ghall-Mellieha, l-incident sehh vicin ir-roundabout illi hemm bejn wiehed u iehor f’nofs tat-triq illi tghaddi mal-bajja ta’ l-Ghadira. L-appellant kien qed isuq vettura tat-tip Subaru J10 bin-numru tar-registrazzjoni IAI 269 waqt li Dawtry kien qed isuq mutur bin-numru tar-registrazzjoni LCQ 991. L-appellant qala’ minn fuq il-“give way sign” li hemm vicin ir-roundabout u l-mutur qala’ mieghu, izda baqa’ diehel fil-genb lemin tal-vettura ta’ l-appellant illi spiccat mal-bankina fil-Bus Stop illi hemm fuq ix-xellug ta’ dik il-lokalita. Il-mutur ta’ Dawtry spicca mas-central strip illi hemm mar-roundabout.

B’Sentenza moghtija fil-31 ta’ Lulju, 2012 (fol 69) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ghal sewqan traskurat u li kkawza griehi lil parti civili, masabitux hati ta’ sewqan bla kont u perikoluz u kkundannatu ghal multa ta’ €1,000. L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza

u minnha nterpona appell, l-agravju principali tieghu kien dwar il-meritu u cioe' illi l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx il-pozizzjoni finali tal-vettura ta' l-appellant u tal-parti civili u ma tatx kaz ukoll tax-xhieda ta' Eve Formosa.

Ikkunsidrat.

L-ewwel Qorti rrikonoxxiet illi kien hemm zewg verzjonijiet kontrastanti, dik ta' l-appellant u dik tal-parti leza, pero' dherilha illi kellha toqghod aktar fuq ix-xhieda tal-parti leza Dawtry, dana 'l ghaliex filwaqt illi dan ta' l-ahhar ra lill-appellant jaghmel il-manuvra li biha kkazwa l-incident, l-appellant minn naha tieghu jghid illi huwa fl-ebda hin ma ra lil mutur misjuq minn Dawtry, jekk mhux wara l-impatt. Il-Qorti mbaghad ghaddiet biex taghmel diversi osservazzjonijiet dwar id-depozizzjoni ta' l-appellant u ghaliex aktar kellha toqghod fuq il-verzjoni moghtija mill-parti leza milli minn dik ta' l-appellant. Din il-Qorti taghmel piena referenza ghal dawn l-argumenti u mhux il-kaz illi toqghod tirrepetihom, bizzejjed jinghad illi meta vetturi jkunu qeghdin javvicinaw roundabout il-velocita taghhom tkun bilfors ridotta u jridu jzommu propju d-distanzi mir-roundabout illi jkunu dahlu fihom. Jekk waqt li qeghdin iduru r-roundabout dawna jakkorcjaw id-distanzi billi jersqu vicin ir-roundabout minghar ma jaghtu kaz min qieghed fuq il-lemin taghhom, allura jkunu qeghdin fi qsur tal-Ligi peress illi ma josservawx "a proper lookout" u jkunu f'pozizzjoni ta' periklu ghal min ikun fuq dik in-naha tal-lemin, li jigi nfaccat b'emergenza meta jara karozza taqsam it-triq quddiemu. Dana huwa propju illi gara f'dan il-kaz, l-appellant hareg mill-"give way sign" u ried idur lejn il-lemin, ghamel hekk minghar ma kien jaf min qieghed fuq il-lemin tieghu, l-parti leza f'dik il-pozizzjoni ra lill-appellant jaqla u jipprepara biex idur mar-roundabout u hu ghamel l-istess, hin minnhom pero' l-appellant kiser lejn ir-roundabout biex jakkorcja d-distanzi u b'hekk gie illi nvada l-karregjata tal-parti leza b'mod illi dan ta' l-ahhar ma setax jevita l-incident. Il-pozizzjoni fejn spiccaw il-vetturi mhijiex daqshekk relevanti, dana 'l ghaliex kif ga nghad l-velocitajiet kienu pjutost ridotti u la l-appellant u lanqas il-mutur ma waqfu mal-"point of impact", il-mutur spicca

vicin ir-roundabout, waqt li l-vettura misjuqha mill-appellant spiccat in-naha l-ohra tal-bankina.

Ovvjamentmet, meta l-appellant induna bl-emergenza, hass l-impatt mal-vettura tieghu dana awtomatikament u ntrinsikament dawwar il-vettura lejn ix-xellug u dina spiccat dik in-naha kif intqal, imma zgur illi ma jistax jinghad illi kien bid-daqqa subita bil-mutur illi l-appellant spicca f'dik il-pozizzjoni. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni milhuqha mill-Ewwel Qorti illi dan l-incident gie kkawzat minhabba nuqqas ta' "proper lookout" da parti ta' l-appellant illi biddel il-karregjata tieghu f'pozizzjoni kruccjali minghar ma ta kaz min kien qieghed fuq il-lemin tieghu u b'hekk ikkawza l-incident. Ghalhekk din il-Qorti jidhirlha illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet ragunevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi dik il-konkluzjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------